MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 818/2003

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Sovereign Hotels Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici fejn, wara li ippremettiet:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta Sovereign Hotels Limited fis-somma ta' tletin elf, sitt mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm30,674.79) import ta' erbgha u ghoxrin (24) kambjali migbuda mis-socjeta' Elesolar Company Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' mittenti, liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fil-15 ta' Novembru 2000, 15 ta' Dicembru 2000,

15 ta' Jannar 2001, 15 ta' Frar 2001, 15 ta' Marzu 2001, 15 t'April 2001, 15 ta' Mejju 2001, 15 ta' Gunju 2001, 15 ta' Lulju 2001, 15 t'Awissu 2001, 15 ta' Settembru 2001, 15 t'Ottubru 2001, 15 ta' Novembru 2001, 15 ta' Dicembru 2001, 15 ta' Jannar 2002, 15 ta' Frar 2002, 15 ta' Marzu 2002, 15 t'April 2002, 15 ta' Mejju 2002, 15 ta' Gunju 2002, 15 ta' Lulju 2002, 15 t'Awissu 2002, 15 ta' Settembru 2002 u 15 t'Ottubru 2002, rispettivament (Dok. A1 sa A24") flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi dawn l-erbgha u ghoxrin (24) kambjala immaturaw u ma gewx imhallsa mis-socjeta' konvenuta Sovereign Hotels Limited;

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Dicembru 2002 li kopja taghha giet esebita mac-citazzjoni u mmarkata Dok "B", sabiex thallas dawn il-kambjali skaduti fuq imsemmija, izda din baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet xi tressaq f'din il-kawza li ghalhekk tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet;

Talbet illi din il-Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet;

2. tikkundanna lis-socjeta' Sovereign Hotels Limited thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tletin elf, sitt mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm30,674.79) import ta' erbgha u ghoxrin (24) kambjala skaduti u mhux imhallsa (Dok. "A1 sa A24"), liema kambjali gew migbuda mis-socjeta' Elesolar Company Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' attrici, flimkien

ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Dicembru 2002 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li gew ipprezentati kontestwalment mac-citazzjoni kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta ppruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------